MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 18/2005

**Charlot Scerri**

**vs**

**ST Microelectronics (Malta) Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta’ Mejju 2005, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara ittra ossia Nota mibghuta lit-Tribunal Industrijali datata 2 ta’ Ottubru 2004 mill-Avukat Dott. Pio M Valletta li baghat din l-ittra ghan-nom ta’ Charlot Scerri fejn talab li dan il-kaz jinstema’ quddiem it-Tribunal Industrijali.

Charlot Scerri maghruf bhala l-appellant kien assistit mill-Avukat Dr. Pio M Valletta u ghall-Kumpanija ST

Microelectronics (Malta) Limited deher Albert Fenech assistit minn Dr. John Buttigieg.

Dikjarazzjonijiet tal-Kaz

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant iddikjara li kien jahdem mal-kumpanija ST Microelectronics (Malta) Limited bhala operator bejn il-5 ta’ Frar 2001 sal-21 ta’ Awissu 2003 u kien imkecci mill-principal tieghu permezz ta’ ittra. L-istess appellant jghid illi t-tkeccija mill-impjieg tieghu huwa minghajr bazi kemm legali kif ukoll fattwali u huwa frott ta’ kampanja kontinwa u minghajr waqfien ta’ intimidazzjoni fil-konfront tieghu ghalhekk minhabba r-ragunijiet imsemmija fid-dikjarazzjoni t-tkeccija hija ingusta.

Is-socjeta` fl-istqarrija taghha qalet li t-terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ Charlot Scerri gie terminat minhabba li ma osservax il-proceduri tax-xoghol u li kellu diversi incidenti ma’ impjegati ohra specjalment nisa.

Provi

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi.

Xehed Jesmond Azzopardi li huwa manager mas-socjeta` appellata fejn iddikjara illi Charlot Scerri kien impjegat bhala Operator u kien ikollu diversi ilmenti minn haddiema ohra specjlament minn Alexia Spiteri liema ilmenti baqghu jirrepetu ruhhom.

Xehed ukoll Malcolm Scerri, manager ma’ l-istess kumpanija fejn kien hemm problemi ma’ Charlot Scerri minhabba li l-istess Charlot Scerri kien responsabbli ghal darbtejn fuq xoghol hazin u sema’ b’ xi ilment minn haddiema ohra.

Xehed ukoll Albert Fenech li huwa l-HR Manager fil-kumpanija ST Microelectronics (Malta) Limited fejn spjega l-istorja ta’ Charlot Scerri waqt li kien fl-impjieg tal-kumpanija u l-problemi li kellhom mieghu u l-passi li hadu.

Xehdet Maria Spiteri li tigi omm Alexia Spiteri fejn spjegat xi incidenti li l-istess Charlot Scerri kellu ma’ Alexia Spiteri pero` dan kien rendikont wara li kienet tkellmet lit-tifla taghha.

Xehdet Alexia Spiteri fejn tat il-versjoni taghha tal-fatti kif graw.

Xehdet Vanessa Galea fejn ukoll ikkonfermat l-istqarrijiet taghha u ddikjarat li kellha xi intimidazzjoni minn Charlot Scerri.

Xehdet Rania Mamo fejn iddeskrivit xi incident li kellha fuq ix-xoghol ma’ Charlot Scerri.

Xehed Edward Spiteri li huwa missier Alexia Spiteri fejn irrakonta dak li qaltlu t-tifta tieghu dwar il-problemi li kien qed ikollha fuq ix-xoghol u x’ghamel hu biex jghina.

Xehed it-Tabib Mark Farrugia li huwa t-tabib ta’ ST Microelectronics (Malta) Limited fejn qal li darba mar jara lil Charlot Scerri d-dar u ma sabux. Ikkonferma certifikat mediku li hareg fil-konfront ta’ Alexia Spiteri fejn qal li kienet tinsab fi stat ta’ ansjeta kbira fost affarijiet ohra.

Rega’ xehed Malcolm Scerri fejn spjega fid-dettal il-problemi li kellu Charlot Scerri fil-linja tax-xoghol u ta spjegazzjoni tal-hajja tax-xoghol ta’ Charlot Scerri mill-bidu ta’ l-impjieg tieghu.

Xehed Mark Camilleri li ghandu l-kariga ta’ senior engineer fl-ST Microelectronics (Malta) Limited fejn ta rapport ta’ x’ kienu jikkonsistu c-charges li inhargulu Charlot Scerri u d-danni li l-kumpanija soffriet.

Rega’ xehed Albert Fenech fejn spjega x’gara fil-konfront ta’ Charlot Scerri.

Rega’ xehed Jesmond Azzopardi fejn informa lit-Tribunal bid-decizjoni li kien ha u li fil-bidu Charlot Scerri kien sejjer tajjeb hafna.

Xehed Peter Galea li huwa operator fejn iddikjara li ma jiftakarx li Charlot Scerri kellu xi incident fuq il-post tax-xoghol rigwardanti il-linja tax-xoghol kif ukoll ma’ Alexia Spiteri.

Xehdet Marianne Magri fejn qalet li ma tiftakarx li Charlot Scerri kellu xi problemi fuq ix-xoghol ma’ Alexia Spiteri.

Xehdet Claudine Delceppo bhala machine operator fejn qalet li hu qatt ma taha fastidju u taf li kellu xi problemi pero` ma tafx x’ kienu.

Xehdet ukoll Elizabeth Borg li tahdem bhala security go ST Microelecetronics (Malta) Limited fejn qalet li Mr Azzopardi kien qal hafna kliem ta’ ftahir fuq Charlot Scerri u dan sa xahrejn u nofs qabel tkecca.

Xehed ukoll Charles Taljana fejn qal li Jesmond Azzopardi kien stqarr li Charlot Scerri kien sejjer tajjeb fuq ix-xoghol u wara xahrejn u nofs Charlot Scerri tkecca.

Xehed Charlot Scerri estensiv fejn ta spjegazzjoni ta’ l-incidenti kif sehhew u r-ragunijiet ta’ x’gara.

Xehed Andrew Mizzi li huwa s-segretarju tat-Taqsima tat-Teknologija, Elektronika u Komunikazzjoni fejn qal li kien hemm complaints minn haddiema ohra kontra Jesmond Azzopardi.

Xehed Nicholas Scerri li huwa missier Charlot Scerri fejn iddiskriva l-konversazzjonijiet li kien ikollu ma’ Jesmond Azzopardi li kienu ta’ ftahir fuq it-tifel Charlot Scerri.

Xehed ukoll Professur Anthony Zammit fejn ta deskrizzjoni tal-problemi medici li kellu Charlot Scerri fosthom barxa fl-istonku kif ukoll ta spjegazzjoni ta’ x’qallu Charlot Scerri fuq il-problemi li kien qieghed ikollu fuq ix-xoghol.

Rega’ xehed Charlot Scerri in kontro-ezami.

Saru s-sottomissjonijiet ta’ l-avukati tal-partijiet.

KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta’ dan il-kaz u jibda biex jghid li hemm zewg versonijiet tal-fatti pero qieghed minn issa jaghmilha cara li qieghed jemmen ix-xhieda tal-kumpanija li vera kien hemm diversi problemi fuq lant tax-xoghol li gew ikkrejati minn Charlot Scerri stess.

Jikkonsidera wkoll u jaghti importanza hafna ix-xhieda ta’ Alexia Spiteri fejn fil-fehma tat-Tribunal kien hemm xi tip ta’ bullying da parte ta’ Charlot Scerri. It-Tribunal mhux ser jidhol fil-kwistjoni jekk kien hemm xi fastidju sesswali peress li mhuwiex il-kompitu ta’ dan il-Bord pero mhuwiex qieghed jeskludiha.

It-Tribunal jaghti aktar pis tax-xhieda tal-kumpanija specjalment il-managers jigifieri l-enginiera fejn taw rendikont dettaljat tal-problemi li kellhom fil-konfront ta’ Charlot Scerri.

it-Tribunal ikkunsidera wkoll diversi aspetti ohra specjalment ix-xhieda li ressaq Charlot Scerri fejn ma tantx ikkonvincew it-Tribunal fix-xhieda taghhom. It-Tribunal ta importanza tax-xhieda li ressaq Charlot Scerri fuq id-diskors li kien qal l-ingineer fuq Charlot Scerri fejn qal li kien sejjer tajjeb fuq ix-xoghol. Dan fl-opinjoni tat-Tribunal huwa zball da parte ta’ l-engineer li jipprova jaghti stampa tajba ta’ Charlot Scerri lil missieru meta fil-fatt jaf li kien hemm problemi.

It-Tribunal ihoss li s-socjeta` ST Microelectronics (Malta) Limited ipprovat il-kaz taghha kemm minhabba n-nuqqasijiet li kien hemm fuq il-post tax-xoghol kif ukoll fuq r-relazzjoni personali li Charlot Scerri kellu ma’ shabu tax-xoghol li kienu inaccettabli.

Decizjoni

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati, ra u ezamina d-

dokumenti esebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li l-kumpanija ST Microelectronics (Malta) Limited kien gustifikat li jkecci lil Charlot Scerri mix-xoghol ghar-raguni msemmija.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan l-appell bl-ispejjez jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' l-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbghin lira Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol."

Ir-rikorrenti Charlot Scerri appella minn din id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali u talab ir-revoka taghha. In sintesi huwa jadduci bi kritika dawn l-aggravji:-

(1) It-Tribunal ma kellux percezzjoni korretta ta' dawk li huma l-principji li jirregolaw l-ezercizzju li kellu jaghmel fuq il-kwestjoni tat-tkeccija tieghu mill-imjieg;

(2) It-Tribunal naqas milli jikkonsidra s-sottomissjonijiet tieghu dwar il-punti ta' dritt fuq il-materja agitata;

Is-socjeta` appellata wiegbet ghal dan l-appell billi fl-ewwel lok issollevat il-pregudizzjali ta' l-inappellabilita` tas-sentenza stante li l-aggravji ma jirrigwardaw ebda punt ta' ligi, kif irid l-Artikolu 82 (3) tal-Kapitolu 452. In segwitu, ghaddiet biex tappella incidentalment bl-ilment li t-Tribunal zbalja fejn iddikjara li ma kienx kompitu tieghu li jidhol fil-kwestjoni tas-"*sexual molestation*" ta' l-impjegata Alexia Spiteri;

Huwa fl-ordni logiku-guridiku illi, qabel kollox, l-ewwel aspett li jrid jigi investigat hu dak jekk l-appell interpost imissx il-punt ta' ligi li jippreciza l-Artikolu 82 (3) ta' l-Att

XXII ta’ l-2002 ghall-aditu lil din il-Qorti ta’ revizjoni. Dan l-istharrig necessarjament jolqot ukoll l-appell incidentali;

Jokkorri in linea preliminari li jigu mtennija certi osservazzjonijiet rakkolti mill-gurisprudenza fuq il-punt in diskussjoni, u li dwaru jkollu jinghad li hu kompitu dejjem difficli ghall-gudikant biex jaqta’, fil-fattispeci, il-linja ta’ demarkazzjoni bejn il-punt ta’ fatt u dak ta’ dritt:-

(1) Meta Tribunal ikun illimita ruhu ghall-apprezzament u gudizzju dwar x’ kienu l-elementi fattwali li wassluh ghall-konvinciment, tali ezercizzju, fih innifsu, ma jimporta generalment ebda punt ta’ dritt. Jikkonsegwi li l-konkluzjoni decizorja tieghu fuq dawk l-istess elementi ta’ fatt titqies finali u allura nsindakabbli mill-Qorti ta' l-Appell. Skond gurisprudenza kostanti dan ifisser illi jekk il-punt ta’ ligi li fuqu jsir l-appell huwa nfondat din il-Qorti ma tidholx biex tezamina l-fatti. Ara **Kollez. Vol. XLII P I p 399**. Jigu ri-ezaminati dawn il-fatti ghad-definizzjoni tal-kawza bhala konsegwenza ta’ l-ezistenza tal-punt ta’ ligi. Dan ghaliex “l-appell fuq il-punt ta’ dritt isir devolutiv tal-kwestjonijiet kollha konsegwenzjali, komprizi dawk ta’ fatt” (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 383**);

(2) Fejn Tribunal ikun enuncja skorrettament il-principji tal-ligi ghall-kaz u mbaghad jaqta’ l-kwestjoni ta’ fatt in bazi ghal dik l-enuncjazzjoni zbaljata allura jkun hemm sostanzjalment kwestjoni ta’ dritt u l-appell jista’ jsir. F’ kaz bhal dan il-Qorti ta' l-Appell tista’ tirrevedi dak l-apprezzament ta’ fatt maghmul in bazi ghall-ipotesi skorretta tal-ligi. Vide **Kollez. Vol. XXXVII P I p 126**;

(3) Finalment, billi fil-kaz in ezami l-ligi ma tghidx ukoll, kif hekk taghmel f’ certi ligijiet ohra [Artikolu 24 (1) (b) tal-Kapitolu 69 u Artikolu 15 (2) tal-Kapitolu 356], illi l-punt ta’ dritt irid ikun gie maqtugh fis-sentenza appellata, hu sufficjenti li l-punt ta’ ligi li fuqu jsir l-appell jirrizulta involut jew implicitu fid-decizjoni in kwantu d-decizjoni tkun ittiehdet bis-sahha tal-principju interpretattiv tal-ligi li l-appellanti jikkontesta. Ara **Kollez. Vol. XL P I p 137**;

Ri-affermati dawn il-principji, jidher li l-appellanti jibbaza l-assunt tieghu ta' l-appellabilita` tad-decizjoni fuq dak li hu jidhirlu li kellu jkun il-process konsiderativ mit-Tribunal tal-kwestjoni li kellu quddiemu. Huwa, difatti, jippremetti ghall-aggravji mqanqla minnu illi t-test li kellu juza t-Tribunal kien dak jekk is-socjeta` appellata, *qua* principal, agixxietx b' mod ragonevoli u xieraq meta llicenzjatu. Dan kemm fl-istadju investigattiv tal-fatti anti-guridici addebitati lilu kif ukoll fid-decizjoni mehuda. Huwa ghalhekk jiccensura lit-Tribunal talli dan injora dawn il-linji gwida u, konsegwentement, injora wkoll l-aspetti li jsegwu:-

(a) In-numru ta' akkuzi fil-konfront tieghu li baqghu mhux mistharrga u trattati b' mod li jinghata l-opportunita` li jiddefendi ruhu;

(b) Il-fatt li f' dawk il-kazijiet fejn inghata d-dritt jiddefendi ruhu kien hemm ksur tar-regoli ta' gustizzja naturali billi min iggudikah kien ukoll l-prosekutur u inoltre l-provi ma gewx imressqa b' mod komplet ghall-kontroll taghhom minnu;

(c) Inghatat tkeccija fuq akkuzi varji li segwew akkuzi moghtija xhur qabel;

(d) Fil-kaz ta' l-akkuza ta' *gross misconduct* fil-kaz lilu addebitat fil-konfront ta' l-impjegata Alexia Spiteri, il-principal ha tliet xhur biex jiddeciedi li jtemm l-impjieg;

Din il-Qorti rriezaminat l-inkartament tal-kaz quddiem it-Tribunal u tista' tghid, minn dak verifikat minnha, illi s-sentenza appellata tassew tippekka minn assenza tal-konsiderazzjonijiet ta' whud mill-aspetti appena kalendati u li l-parti appellanti kienet issottomettiet fid-dibattitu orali quddiem it-Tribunal ghall-evalwazzjoni tieghu dwarhom. Sottomissjonijiet dawn li, f' materja ta' ligi dwar licenzjament mill-impjieg, ma jistghux ma jitqiesux importanti ghat-trattazzjoni u decizjoni dwarhom mit-Tribunal specjali. Mill-kontenut taghhom, imbaghad, din il-Qorti tirravviza dak il-punt ta' ligi involut li jispetta lil din il-

Qorti li tissofferma dwaru u tiddecidih. Dan japplika ugwalment fil-kaz ta' l-appell incidentali billi hu ovvju li t-Tribunal injora l-portata tad-dispost ta' l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 452. Il-Qorti jidhrilha li billi l-aspetti sollevati jikkoinvergu f' xulxin ikun ahjar jekk jigu konsiderati flimkien, anke jekk uhud minnhom, singolarment, jirrikjedu, forsi, aktar skrutinju minn ohrajn;

B' mod generali jidher li f' materja ta' tkeccija mill-impjieg iridu jitharsu dawn il-principji rakkolti mid-duttrina Ingliza u dik kontinentali fuq is-suggett:-

(1) L-addebitu tan-nuqqas jew ta' l-imgieba hazina jrid ikun <u>specifiku</u>, jigifieri ghandu jkun formulat b' mod car ta' l-aspetti essenzjali u materjali tal-fatt denunzjat. Mhux accettat allura li l-addebitu jkun bazat fuq semplici suspetti vagi jew ridott ghall-alluzjonijiet generici;

(2) Ir-reazzjoni mill-principal trid tkun ukoll wahda <u>tempestiva</u>. Jekk xejn, biex tikkonsentixxi lill-impjegat li jkollu difiza immedjata, u daqstant iehor effikaci, biex jilqa' ghall-akkuzi fil-konfront tieghu;

(3) Il-kontestazzjoni minn min ihaddem tesigi, b' necessita`, li tkun <u>immutabbli</u>, jigifieri, li jkun hemm korrispondenza bejn il-fatt kontestat u dak migjub 'il quddiem bhala bazi ta' akkuza u ta' l-azzjoni dixxiplinarja dwaru;

(4) Ta' importanza, imbaghad, huwa l-<u>principju tal-proporzjonalita`</u> bejn l-addebitu u s-sanzjoni li tigi komminata mill-principal. Dan fis-sens illi l-provvediment dixxiplinarju jrid ikun in relazzjoni mal-ghazla u l-mizura tas-sanzjoni u in rapport ghall-gravita tan-nuqqas; s' intendi, valutata fl-entita` taghha, soggettiva u oggettiva;

Premessi dawn il-principji, irid jinghad, b' referenza ghall-aspetti ventilati mill-appellanti, illi z-zewg istanzi li dwarhom l-appellanti nghata avviz ta' licenzjament kienu

dawk relattivi ghall-incidenti tat-3 ta' Gunju 2003 u l-1 ta' Awissu 2003, jigifieri dawk konnessi ma' l-impjegati Alexia Spiteri u Rania Mamo. It-tliet okkazjonijiet l-ohra, ukoll kontemplati fin-"*notice of charges*" u konsiderati wkoll mill-kumpanija ghall-fini tal-licenzjament tieghu fil-21 ta' Awissu 2003, kienu istanzi fejn hu kien inghata "*warnings*" (Ara dokument numru 19 a fol. 33 ta' l-atti processwali quddiem it-Tribunal);

It-tezi ta' l-appellanti hi dik li dawk it-tliet istanzi ma gewx debitament investigati u kellhom allura ma jitqiesux ta' rilevanza. Bir-rispett kollu din il-Qorti ma taqbelx ghal kollox ma' dan l-argoment, naturalment migjub 'il quddiem biex l-appellanti jiddemostra dak li hu jiddeskrivi bhala xi "orkestrazzjoni ppjanata" kontra tieghu. Fil-hsieb tal-Qorti, una volta individwati bhala fatt storiku l-addebiti principali, il-fatt li ssemmew ukoll certi istanzi ohra fejn hu nghata *warnings* ma kienx ghal daqshekk igibu l-eskluzjoni taghhom fl-apprezzament ezatt u kompleta tal-kondotta ta' l-appellanti fil-kuntest generali, anke jekk, izolatament, kienu apparentement anqas gravi mill-punto di vista tas-socjeta` appellata. Ebda regola u ebda principju generali ma jimponi fuq min ihaddem li jikkondizzjona d-decizjoni tieghu li jgib 'il quddiem episodji ohra ta' xi nuqqas ghall-verifika eventwali. L-importanti hu li l-impjegat jinghata l-opportunita` jiddefendi ruhu u b' mod adegwat;

Tqajjem ukoll il-punt mill-appellanti illi fl-istharrig dixxiplinarju kien hemm vjolazzjoni tal-principju ta' gustizzja naturali "*nemo judex in causa propria*". Issa apparti li din il-kwestjoni ma jidherx li giet imqajma quddiem it-Tribunal, ma jidherx li hu barra mill-ordinarju illi l-kumpanija jew azjenda tagixxi skond il-makkinarju dixxiplinarju prevvist mill-kuntratt ta' impjieg jew dak kollettiv. F' kuntest bhal dan, kif osservat mill-Qorti Kostituzzjonali taghna, "id-decizjoni ta' Bord ta' Dixxiplina azjendali li jopera fl-ambitu ta' Ftehim Kollettiv ma setax jitqies li kienet vinkolanti u l-ahhar kelma meta tittermina l-impjieg tal-haddiem, sakemm l-operat ta' dak il-Bord ma kienx espressament sindakabbli anke fil-meritu mit-

Tribunal li jkollu r-rekwiziti kollha li jimponu l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni" - "**Marthese Azzopardi -vs- Maltacom plc**", 11 ta' Awissu 2000. Wara kollox, kif anke premess f' din l-istess decizjoni "t-terminazzjoni ta' mpjieg kienet soggetta ghall-iskruntinju kwazi gudizzjarju u gudizzjarju in kwantu l-ligi kienet espressament tipprovdi u tirregola li hadd ma seta' jigi mkecci mix-xoghol jekk mhux ghal kawza gusta u ghal kawzi ben definiti fil-ligi li tirregola proprju t-terminazzjoni ta' l-impjieg". Dan maghdud, fundamentali dejjem fil-konduzzjoni ta' proceduri dixxiplinari li l-haddiem inkolpat jinghata l-possibilita` li jiddefendi ruhu kontra l-akkuzi, anke bl-assistenza tar-rapprezentant sindakali tieghu, kif jidher li hekk sar fil-kaz in ispecje;

Aspett iehor sollevat bi kritika hu dak li l-kumpanija ma agixxietx immedjatament meta kellha l-informazzjoni tal-komportament illecitu (*sexual harassment*) ta' l-appellanti di fronte ghall-impjegata Alexia Spiteri. Dwar dan jibda biex jigi puntwalizzat illi l-fatt li min ihaddem ma jkunx ha mizura tempestiva u ma jkunx avalla ruhu mill-prattika relattiva ghal kazijiet konsimili jista', f' certi cirkustanzi, jissarraf fir-ragonament li jwassal biex ma tinstabx gustifikazzjoni ghat-tkeccija. Dan ghaliex ikun ifisser li l-principal innifsu ma jkunx qed jattribwixxi lill-fatt ebda pregudizzju serju fl- organizzazzjoni azjendali. Il-principju, pero` ma huwiex daqstant dommatiku jew inflessibbli li ma jippermettix ukoll certa elasticita` dipendenti mill-fattispeci tal-kaz parikulari li jkun. B' mod generali, hu ragonevoli li jkollok intervall temporanju biex dak li jkun jikkonduci l-ezercizzju investigattiv tieghu biex jikseb b' mod komplet it-taghrif okkorrenti fuq il-kondotta ta' l-impjegat u jaghmel dik ir-riflessjoni ponderata li l-kaz ikun jimmerita. Fic-cirkostanzi tal-kaz konkret ma jistax jigi ravvizat illi r-reazzjoni tas-socjeta` appellata bejn l-allegat att illecitu u l-akkuza u/jew id-decizjoni tal-licenzjament kienet tali li, obbjettivament valutata, tinfrangi l-element karatterjali tat-tempestivita`. Ma kienx hemm, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dak id-dewmien ezagerat, senjalat mill-appellanti, biex jista' jinghad li dan kien iwassal ghad-de-legittimazzjoni ta' l-addebitu. Ma jidherx li intervall ta'

xahrejn u nofs jew tliet xhur jista' jitqies mhux kompatibbli mal-principju tar-reazzjoni immedjata, tenut kont imbaghad tal-perijodu tal-ferjat estiv li kull kumpanija normalment ikollha;

Kwantu ghall-aspett involut fl-appell incidentali gja nghad illi l-ligi (Artikolu 29) tahseb ghal kazijiet dwar "ghoti ta' fastidju" b' kull mezz minn principal jew impjegat lill-impjegat iehor. Dan igib li t-Tribunal adit kien fil-kompetenza u fid-dmir li jinvestiga din l-akkuza bhala parti mill-ezercizzju tieghu ghad-determinazzjoni dwar jekk il-licenzjament kienx gustifikat. Huwa veru li t-Tribunal dan l-incident ma eskludihx imma jibqa' l-fatt illi hu ma setax *a priori* jiddeciedi li mhux ser jinvolvi ruhu fil-kwestjoni, meta l-ligi dan tesigieh minghandu;

Apparti dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha tal-principji suespost u li dwarhom hu desiderabbli li, fejn jokkorri, ikollhom segwitu mit-Tribunal Industrijali, hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti illi, mill-punto di vista fattwali, ma jistax jinghad li t-Tribunal ma ghamelx ukoll dak l-apprezzament globali unitarju ta' l-imgieba ta' l-appellanti, hekk konsistenti f' serje ta' atti konvergenti f' dik il-kondotta unika li ma tistax ma titqiesx anti-guridika u konducenti ghar-rizultat li s-socjeta` appellata, fi kliem l-awtur **Selwyn** ("**Law of Employment**") citat mill-appellant, tabilhaqq "*acted reasonably*" meta illicenzjat lill-appellanti. Ferma din l-osservazzjoni, din il-Qorti ma ssibx raguni biex tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni tas-sentenza appellata, anke jekk issa, kif il-kaz kien hekk jisthoqqlu, htiegilha tapprofondixxi l-aspetti guridici lilha sottomessi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li takkolji l-appell incidentali fis-sens li tiddikjara li t-Tribunal Industrijali kien hekk kompetenti li jindaga u jiddeciedi dwar l-ilment ta' "*sexual molestation*" addebitat lill-appellanti, tirrespingi l-appell principali ta' l-istess appellant u b' hekk, salv ghal dak premess fir-rigward ta' l-appell incidentali, tikkonferma s-sentenza appellata. In vista ta' l-aspetti partikulari

involuti f’ dan l-appell huwa xieraq li l-ispejjez tieghu jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------